# FIL-QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-KUMMERĊ)

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn 18 ta' Novembru, 2024

**Kawża Nru. 2**

**Rik. Nru. 62/2023 ISB**

**Red Falcon Tech Limited (C89107)**

**Vs**

**X, u b'digriet tas-27 ta' Diċembru 2023 Konrad Grech (1059773M) noe ġie awtorizzat jintervjeni fil-kawża**

**Il-Qorti,**

Rat ir-**rikors** tas-soċjeta' **Red Falcon Tech Limited (C89107),** tat-12 ta' Ottubru 2023, li permezz tiegħu hija talbet lill-Qorti sabiex:

1. *Tordna illi s-soċjeta' esponenti tiġi xolta u konsegwentement stralċjata minn dina l-Onorabbli Qorti abbażi tal-Art. 214(1)(a) u/jew l-Art.214(2)(a)(ii) u dan a tenur ta' l-Art 218(1) tal-Att;*

2. *Tagħti kull provvediment ieħor opportun sabiex jinħatar stralċarju u jiġi kondott l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta' esponenti u ai termini tal-Att;*

U dan wara li ppermettiet:

1. *Illi dan ir-rikors qed jiġi preżentat ai termini tal-Artikoli 214(1)(a) u 214(2(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-'Att');*

2. *Illi Red Falcon Tech Limited hija soċjeta' b'responsabbilita' limitata reġistrata Malta bin-numru ta' reġistrazzjoni C89107 u bl-uffiċju reġistrat Palazzo Stagno, Sqaq Stagno, Qormi QRM 1552 u ġiet konstitwita fil-29 t'Ottubru 2018;*

3. *Illi mill-Memorandum u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tas-soċjeta' esponenti, kopja ta' liema qed tiġi anness ma' dan ir-rikors u mmarkat bħala '**Dokument RFL 1'** jirriżulta illi l-'Objects' prinċipali tagħha huma s-segwenti:*

   *"To provide all types of services to the global web industry which will offer clients a turnkey solution to create an online business, including creating websites, payment gateway technologies, customer service, content serving, tracking and reporting"*

4. *Illi s-soċjeta' esponenti tagħmel parti minn grupp ta' kumpaniji li joffru servizzi ta' tekonoloġija bl-isem ta' "REDD" lil negozji ta' kummerċ elettroniku (e-commerce) bħal żviluppar ta' websjats, content managment, DRM enabled players u streaming technology, 'user tracking', DDEX 'Reporting', u servizzi ta' back up hosting, fost oħrajn. Il-maġġor parti tal-klijenti tas-soċjeta' esponenti kienu distributuri differenti li n-negozju tagħhom huwa ibbażat onlajn u li kienu joffru media streaming subscriptions u servizzi oħrajn, u dawn il-kumpaniji kienu joffru s-servizzi tagħhom lil klijenti individwali tagħhom;*

5. *Illi l-kapital azzjonarju awtorizzat attwali tas-soċjeta' esponenti jammonta għal elf u mitejn Ewro (€1,200) liema kapital huwa maqsum f'elf mija disgħa u disgħin (1,999) ismha ordinarji ta' Klassi A, u sehem wieħed (1) ordinarju ta' Klassi B ta' valur nominali ta' Ewro (€1) kull sehem;*

6. *Illi l-kapital azzjonarju tas-soċjeta esponenti huwa sottoskritt da parte tal-azzjonisti Red Flacon Tech Holding Limited (C89102) li għandha elf mija disgħa u disgħin (1,199) ismha ordinarji tal-Klassi A u Kevin Hamadi detentur tal-Passaport Franċiż bin-numru 18HD39463 li għandu sehem wieħed (1) Ordinarju ta' Klassi B, , liema ishma huma mħallsa sa' għoxrin fil-mija (20% paid up), fis-soċjeta' esponenti u dan kif inhu rifless ampjament mill-estratt tal-"Involved Parties" tas-soċjeta' esponenti meħud minn fuq is-sit elettroniku tal-Malta Business Registry, kopja hawn annessa u mmarkata bħala '**Dokument RFL 2'**;*

7. *Illi, sfortunatament, il-qagħda finanzjarja tas-soċjeta` esponenti iddeterjorat fis-snin riċenti, u dan speċifikament*

*minħabba l-fatt li l-klijenti tas-soċjeta' esponenti mhumiex qegħdin joneraw l-obbligu tal-ħlas tagħhom b'konsegwenza li l-esponenti ma bdiex tiġġenera dħul biżżejjed tant li ma setgħetx tkopri l-ispejjeż minimi tagħha. Nonostante l-fatt li saru investimenti u capital injections fis-soċjeta' esponenti sabiex jattentaw sabiex titjieb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-esponenti, dan ma kienx biżżejjed għaliex is-sitwazzjoni finanzjarja tas-soċjeta' esponenti illum saret waħda irriparabbli;*

8. *Illi huwa minnu li s-soċjeta esponenti għandha lista estensiva ta' kredituri li għandhom djun pendenti u dovuti lis-soċjeta' esponenti, kif joħroġ mil-lista ta' kredituri annessa bħala '**Dokument RFL 3'** liema kredituri huma maġġor parti klijenti tal-istess soċjeta', iżda dawn id-djun mhumiex rikoverabbli u dana minħabba l-fatt li wara diversi kommunika u tentattivi da parti s-soċjeta' mal-klijenti tagħha, jirriżulta li dawn l-istess klijenti wkoll qegħdin jaffaċjaw problemi finanzjarji, tant li mhumiex qegħdin iħalsu l-ispejjeż tagħhom stess, u li għalhekk jidher li huwa impossibbli jew diffiċli għalihom li jħalsu l-pendenzi tagħhom lis-soċjeta' esponenti;*

9. *Illi hija propju minħabba din ir-raġuni, s-soċjeta' esponenti klassifikat numru ta' 'receivables' bħala bad debts u dana hekk kif jidher mil-lista ta' bad debts hawn annessa u mmarkata bħala '**Dokument RFL 4'** u dana peress li fl-aħħar snin, ir-rikavat tar-receivables tas-soċjeta' esponenti kompla jonqos sostanzjalment b'tali mod u manjiera li ma kienux qegħdin jagħmlu tajjeb għal ispejjeż tal-esponenti;*

10. *Illi minkejja diversi tentattivi da parti tal-membri u tad-diretturi sabiex is-soċjeta` esponenti tirnexxielha tirkupra s-saħħa finanzjarja tagħha, inkluż diversi diskussjonijiet mal-kredituri tagħha is-sitwazzjoni ma setgħetx tiġi rrimedjata;*

11. *Illi kif jidher mil-Balance Sheet tas-soċjeta' esponenti, liema Balance Sheet tagħmel parti mil-Managament Accounts aġġornati sal-31 ta' Lulju 2023 preparati minn Steven Morvan, Group Financial Controller, u li qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala* ***'Dokument RFL 5'*** *jidher li s-soċjeta' esponenti għandha djun ta' €11,417,733.80 filwaqt li l-assi jammontaw għal €3,619,728.58 u dan ifisser li l-esponenti qiegħda f'sitwazzjoni fejn effettivament hi ma tistax tħallas id-djun tagħha;*

12. *Illi illum il-ġurnata s-soċjeta' esponenti m'għadx għandha ħaddiema impjegati magħha u dan stante li dawn ġew kollha terminati fl-20 ta' Settembru, 2023 fuq bażi ta' 'redundancy';*

13. *Illi l-Artikolu 218(1) tal-Att jipprovdi s-segwenti:*

*Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal –*

a) *Stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
b) *Xoljiment u stralċ ta' kumpannija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
c) *Xoljiment u stralċ ta' kumpannija skont l-artikolu 214(2)(b);*

*Għandha ssir 'rikors li jista' jsir mil-kumpannija wara deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali jew mil-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji;*

14. *Illi s-soċjeta' rikorrenti għaddiet riżoluzzjoni straordinarja hawn annessa u mmarkata bħala '**Dokument RFL 6'**, fejn għar-raġunijiet kollha premessi ġie deċiż li s-soċjeta' rikorrenti tiġi xolta u konsegwentement stralċjata minn dina l-Onorabbli Qorti skont l-Art.214(1)(a) u/jew l-Art.214(2)(a)(ii) u dan a ternur tal-Art. 218(1) tal-Att;*

15. *Illi dan kollu qed jiġi ikkonfermat ukoll mid-direttriċi ta' l-istess soċjeta' rikorrenti fejn permezz ta' riżoluzzjoni tal-Bord tad-diretturi hawn annessa u mmarkata bħala '**Dokument RFL 7'**, li tikkonferma il-qagħda finanzjarja tas-soċjeta, li din qegħda fi stat ta' insolvenza u għalhekk mhijiex f'pożizzjoni li tħallas id-debiti tagħha;*

Rat id-**dokumenti** li kienu ppreżentati mar-rikors (Dok RFL1 sa Dok RFL7) (fol 7 sa fol 48).

Rat id-**digriet** tagħha tas-26 ta' Ottubru 2023, minn fejn jirriżulta illi r-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tas-17 ta' Novembru 2023 fid-9:30 a.m.

Rat illi fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2023, dehret l-Avukat Demi Agius għas-soċjeta' rikorrenti u l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ir-rikors ta' **Konrad Grech** għan-nom tad-ditta KPMG intavolat fid-19 ta' Diċembru 2023 (fol 54) li permezz tiegħu talab li jintervjeni fil-kawża bħala kreditur tas-soċjeta' rikorrenti.

Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Diċembru 2023 li permezz tiegħu laqgħet it-talba.

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2024, is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat nota (fol 59) bi tliet affidavits, b'dokumenti annessi (fol 60 sa fol 108) u xehdu **Giles Schembri u Anthony Pace, it-tnejn in rappreżentanza tad-ditta KPMG,** li ġew eżentati minn kwalsiasi obbligu ta' sigriet.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2024, saret id-dikjarazzjoni tad-difensur tas-soċjeta' rikorrenti li m'għandux aktar provi x'jipproduċi.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-24 ta' Mejju 2024, wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża ġiet differita għall-udjenza ta' llum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża, inkluż mill-provi mressqa.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirrizulta illi dan huwa proċediment li ttieħed mis-soċjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikoli **214(1)(a) u 214(2)(a)(ii) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**.

Illi mid-dokumenti ppreżentanti jirriżulta li s-soċjeta' rikorrenti ġiet kostitwita bħala kumpanija ta' responsabilita` limitata fid-29 ta' Ottubru 2018 bin-numru uffiċjali C 89107, bil-għan prinċipali ikun dak li tipprovdi servizzi fil-*global web industry*.

Tispjega li s-soċjeta' rikorrenti tagħmel parti minn grupp ta' kumpaniji li joffru servizzi ta' teknoloġija bl-isem ta' 'REDD' - li joffru diversi servizzi relatati mal-kummerċ elettroniku.

Tispjega li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha ddeterjorat fis-snin riċenti minħabba li l-klijenti tagħha mhux qed jonoraw l-obbligi tal-ħlas u għalhekk mhux qed tkopri l-ispejjeż tagħha, tant li s-sitwazzjoni finanzjarja tagħha saret irreparabbli. Tgħid li saru diversi tentattivi sabiex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata iżda ma kienux ta' suċċess.

Jirriżulta li fil-25 ta' Settembru 2023, (vide Dok RFL6) saret laqgħa straordinarja f'liema laqgħa ġie riżolt illi l-kumpanija tiġi xjolta u stralċjata permezz tal-Qorti.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mill-provi prodotti, jirriżultaw is-segwenti **fatti**:

Illi **s-soċjeta' rikorrenti** ppreżentat is-segwenti dokumenti, li l-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom:

- Kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* tas-soċjeta' rikorrenti Red Falcon Tech Limited;

- Estratt tal-'*Involved Parties*' tas-soċjeta' rikorrenti meħud mis-sit elettroniku tal-Malta Business Registry;

- Lista ta' Kredituri u *Receivables*;

- Lista ta' *Bad Debts*;

- Kopja tal-*Management Accounts* inkluż il-*Balance Sheet* aġġornata sal-31 ta' Lulju 2023 tas-soċjeta' Red Falcon Tech Limited;

- Kopja tar-Risoluzzjoni Straordinarja tal-Membri tas-soċjeta' rikorrenti – u tosserva partikolarment is-segwenti Riżoluzzjoni:

*The Company be dissolved and that any director and/or officer of the Company be and is hereby authorised to make an application to the Court on behalf of the Company for its winding up, inter alia in accordance with art. 214(1)(a) and/or 214(2)(a)(ii) as well as 218(1) of the Companies Act, 1995.*

- Kopja tar-Riżoluzzjoni tal-Bord tad-Diretturi.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fl-affidavit tiegħu, **Kevin Abdel Hamadi** jgħid li hu serva ta' avukat tas-soċjeta' Red Falcon Tech Holdings Limited u s-sussidjarja tagħha Red Falcon Tech Limited minn Ġunju 2022 sal-1 ta' Jannar 2023, f'liema żmien kien jipparteċipa attivament f'affarijiet legali, jagħti pariri legali u f'affarijiet finanzjarji taż-żewġ soċjetajiet. Jikkonferma li l-kontijiet ippreżentati lill-Qorti juru stampa reali tas-sitwazzjoni tas-soċjetajiet.

Jispjega li fl-aħħar sena Red Falcon Tech Limited kellha tiddependi fuq finanzjar mill-kumpanija omm għall-attivitajiet tagħha. Jgħid li l-kumpanija u d-diretturi tagħha għamlu l-almu tagħhom sabiex jippruvaw iżommu l-kumpanija għaddejja, iżda l-insolvenza kienet inevitabbli.

Jgħid li ladarba dan ma rnexxiex, kellha tittieħet deċiżjoni li twaqqaf l-operat tagħha u tiġi xolta.

Fl-affidavit tiegħu, **Steven Jason Ernest Morvan** jgħid li hu kien jservi ta' Kontrollur Finanzjarju minn Ġunju 2022 sa Awwissu 2023 għall-kumpanija omm li għandha fi ħdanha s-soċjetajiet Red Falcon Tech Holdings Limited u Red Falcon Tech Limited.

Jikkonferma li l-kontijiet ippreżentati lill-Qorti huma korretti u jirriflettu s-sitwazzjoni reali.

Jispjega li tul l-aħħar sena Red Falcon Tech Limited esperjenzat diffikultajiet finanzjarji u dana minħabba numru ta' klijenti li m'onorawx l-obbligi tal-ħlas tagħhom, bil-konsegwenza li l-kumpanija ġiet insolventi minħabba li mhux kapaċi tħallas l-ispejjez tagħha u mhix kapaċi topera.

Fl-affidavit tagħha, **Claire Michele Barbara** tgħid li hi ġiet ingaġġata fil-posizzjoni ta' *Operation and HR Manager* mill-kumpanija Red Falcon Tech Limited fl-1 ta' Marzu 2019.

Tgħid li sussegwentament ġiet appuntata direttur taż-żewġ kumpaniji u dan mis-7 ta' Ottubru 2019 u bdiet tokkupa wkoll il-kariga ta' Segretarja tal-Kumpanija. Tispjega li minħabba riżenji ta' diretturi oħra llum hija l-unika Direttur preżenti f'Malta. Tgħid li hi dejjem kienet qed timxi fuq l-istruzzjonijiet tat-tim ta' tmexxija li kien imexxi l-kumpaniji kollha u mhux biss dawn f'Malta.

Tgħid li x-xogħol tas-soċjeta' rikorrenti kien jikkonsisti f'servizzi ta' *e-commerce*. Tikkonferma li l-kumpanija bdiet tesperjenza diffikultajiet finanzjarji fis-sena 2022 minħabba li kienet tilfet ħafna klijenti matul il-pandemija tal-COVID'19. Tgħid li l-kumpanija mill-ewwel ħadet azzjoni dwar dan billi naqqset mill-ispejjeż operattivi tagħha, fosthom tnaqqis ta' bonuses, spejjeż ta' taħriġ u anke sistemi tal-informatika. Tgħid li kien hemm ukoll impjegati li twaqqfu, iżda s-sitwazzjoni finanzjarja ma ħaditx ir-ruħ. Tispjega li fis-sajf tas-sena 2023 irriżulta li l-kumpanija kienet insolventi u ma setgħetx tibqa' topera.

Fix-xhieda tiegħu, **Giles Schembri in rappreżentanza tad-ditta KPMG** jgħid li jokkupa l-kariga ta' partner fid-dipartiment tal-awditjar.

Jispjega li ġie ingaġġat mis-soċjeta' Red Falcon fit-22 ta' Novembru 2019 għal servizzi ta' awditjar kif ukoll servizzi fiskali. Jgħid li baqgħu jagħmlu dan ix-xogħol sa meta rriżenjaw bħala awdituri fl-4 ta' Settembru 2023 u dana minħabba li kien hemm ammont sostanzjali ta' flus li ma setgħux jaqblu kinitx

dovuta VAT fuqu u ladarba ħass li ma kienx qed ipinġi stampa reali, kien aħjar li jirriżenja mill-kariga tiegħu. Jgħid li sa dakinhar ma kien hemm ebda ħjiel li l-kumpanija kellha xi diffikultà` finanzjarja fuq il-kotba u filfatt kien sorpriż b'dawn il-proċeduri

Mistoqsi jekk hemm djun dovuti lid-ditta KPMG jgħid li hemm ċirka sitta u għoxrin elf Ewro (€26,000) dovuti li jirrappreżentaw *professional fees*.

Fix-xhieda tiegħu, **Anthony Pace in rappreżentanza tad-ditta KPMG** jgħid li jokkupa l-kariga ta' partner u Head of Tax. Jispjega li fejn tidħol VAT huma bdew jassistu l-kumpanija fis-sena 2020 u għenu biex il-kumpanija tiġi f'posizzjoni regolari sa mill-inkorporazzjoni tagħha. Jgħid li l-aħħar xogħol li għamlu kien għal Q3 tas-sena 2022 li ġew sottomessi. Jispjega li wara rrifjutaw li jagħmlu aktar xogħol jekk huma ma jitħallsux.

Mistoqsi jekk kienx hemm xi diffikultajiet fejn tidħol VAT jgħid li kien hemm xi VAT numbers li ma setgħux isibuhom u baqgħu ma ngħatawx lilhom.

Mistoqsi dwar jafx dwar is-sitwazzjoni attwali tal-kumpanija, jgħid li kienet sorpriża għalih meta sema' li l-kumpanija ser tiġi likwidata għax qatt ma rriżulta li kienet tinsab f'qagħda finanzjarja diffikultuża.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi mit-trattazzjonijiet magħmula mid-difensuri tal-partijiet, il-Qorti tislet is-segwenti:

Fit-trattazzjoni tagħha, is-soċjeta' rikorrenti ssostni li t-talba għall-istralċ saret a bażi ta' żewġ artikoli. Fir-rigward tal-ewwel artikolu, u ċioe` l-artikolu 214(1)(a) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta, hija tikkontendi li saret riżoluzzjoni straordinarja, u għalhekk il-Qorti ma tantx għandha għażla, la darba r-riżoluzzjoni hija waħda korretta u għalhekk a bażi ta' dan għandha tippronunzja l-istralċ. Fir-rigward tat-

tieni artikolu u ċioe` l-artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap 386 tgħid li mill-provi prodotti juru biċ-ċar li l-kumpanija Red Tech Limited llum għandha diversi bad debts li kważi impossibli li tirkupra u għalhekk issostni li hemm sitwazzjoni ta' insolvenza u li ċertament għandu jinħatar likwidatur.

Minn naħa tagħha s-soċjeta' intervenuta fil-kawża tiġbed l-attenzjoni tal-Qorti li hija pproduċiet xhiedha minn fejn jirriżulta nuqqasijiet kbar da parti tal-kumpanija u dana stante *signing off* fuq miljuni kbar, u kien dan li wassalha għas-sitwazzjoni li tinsab fiha.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**L-Art. 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta**

Id-disposizzjoni tal-KAP 386 li abbażi tagħha hija msejsa din il-proċedura huwa l-Artiklu 214(1)(a), jipprovdi hekk:

> *Kumpanija xxolji u konsegwentement tiġi stralċjata fil-każijiet li ġejjin –*
>
> *(a) il-kumpanija tirriżolvi b'riżoluzzjoni straordinarja li l-kumpanija għandha xxolji u tkun stralċjata mill-qorti*

L**-Art. 218(1) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta** jgħid espressament hekk:

> *Talba lill-qorti (aktar 'il quddiem imsejħa "rikors għal stralċ") għal*
>
> *(a) stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(1)(a);*
>
> *(b) xoljiment u stralċ ta' kumpanija mill-qorti skont l-artikolu 214(2)(a); jew*
>
> *(ċ) xoljiment u stralċ ta' kumpanija skont l-artikolu 214(2)(b),*

*għandha ssir b'rikors li jista' jsir jew mill-kumpanija wara deċiżjoni tallaqgħa ġenerali jew mill-bord tad-diretturi tagħha jew minn xi detentur ta' obbligazzjoni, kreditur jew kredituri, jew minn xi kontributorju jew kontributorji:*

*Iżda rikors skont il-paragrafi (b) jew (ċ) jista' wkoll isir minn xi azzjonist jew direttur tal-kumpanija.*

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi r-riżoluzzjoni straordinarja meħuda fid-29 ta' Settembru 2023, tispjega b'mod ċar u inekwivoku d-deċiżjoni li l-kumpanija *de quo* tiġi xjolta u stralċjata, u huma elenkati r-raġunijiet wara t-teħid tar-riżoluzzjoni biex il-kumpannija tiġi stralċjata.

Wara li fliet id-dokumenti esebiti u r-rekwiżiti legali kollha, din il-Qorti hija tal-fehma illi r-riżoluzzjoni straordinarja saret u saret għal raġunijiet li jidhru leġittimi fiċ-ċirkostanzi partikolari li tinsab fihom il-kumpannija, anke jekk il-Qorti tħoss illi għandha, kif ser tipprovdi aktar l-isfel, tiġbed l-attenzjoni tal-likwidatur illi ser jinħatar biex tieħu konjizzjoni tl-provi kollha li nġabru f'dan il-proċess.

Oltre` minn hekk, ladarba r-riżoluzzjoni hija valida, u din il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni għaliex tiddubita minn dan, din il-Qorti m'għandha l-ebda diskrezzjoni li tirrifjuta li takkorda t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għall-provvediment ta' stralċ.

**Tenut kont tal-assjem ta' fatti u ċ-ċirkostanzi, il-Qorti hija tal-fehma illi r-rekwiżiti tal-Art 214(1)(a) tal-Kap 386 huma sodisfatti u ser tgħaddi sabiex tordna x-xolijiment u l-konsegwenti l-istralċ tal-kumpanija rikorrenti.**

**In vista tas-suespost, u ladarba jeżistu l-elementi rikjesti mil-liġi sabiex din il-Qorti tordna x-xoljiment u l-istralċ tal-kumpanija intimata taħt l-Artikolu 214(1)(a), din il-Qorti mhix sejra teżamina jekk jeżistux r-rekwiżiti tal-Artikolu 214(2)(b)(ii).**

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati, jidhrilha illi ġew sodisfatti l-voti tal-liġi sabiex tkun tista` tgħaddi biex takkolja t-talbiet tar-rikorrenti u tenut kont tal-assjem ta` fatti u ċirkostanzi li jirriżultaha l-Qorti, din il-Qorti qegħda:

1. **Tordna** illi s-soċjeta` **Red Falcon Tech Limited (C 89107)** tiġi xjolta b'effett immedjat u konsegwentament stralċjata a bażi tal-Artikoli 214(1)(a) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta u dana b'effett mill-20 ta' Ottubru 2023 ai termini tal-Artikolu 223(1) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. **Konsegwentament, tinnomina u taħtar stralċjarju** tas-soċjeta' **Red Falcon Tech Limited (C 89107)** lir-**Riċevitur Ufficjali** u tagħti lill-istralċjarju s-setgħat u d-dmirijiet kollha li huma previsti fil-Kap 386 tal-Liġijiet ta` Malta, fosthom illi:

   a) Wara li jikseb dikjarazzjoni dwar il-qagħda tal-kumpannija de quo, ai termini tal-Artiklu 226 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jagħmel rapport lill-Qorti ai termini tal-Aartiklu 227 tal-istess KAP 386,

   b) Jagħmel il-verifiki kollha neċessarji u opportuni dwar l-assi u d-djun tal-kumpannija de quo u jekk ikun il-każ, <u>inkluż billi jieħu konjizzjoni tal-provi u d-depożizzjonijiet kollha mogħtija f'dan il-każ, inkluż dawk tar-rappreżentanti tas-soċjeta' intervenuta</u>, u jirrapporta dwar il-gradwazzjoni tad-djun.

   c) Jieħu taħt il-kustodja u l-kontroll tiegħu kwalsiasi assi illi talvolta l-kumpannija **Red Falcon Tech Limited (C 89107)** jista' għandha, u dan ai termini tal-Artiklu 237 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

d) Jagħmel u jiddefendi kwalsiasi azzjoni jew proċeduri legali fl-isem u l-interess tal-kumpannija de quo.

e) Jirrelata dwar il-miżuri meħtieġa għall-ħarsien ta' kwalsiasi assi li l-kumpannija jista' għandha,

**3. Tordna** lill-istralċjarju sabiex jippreżenta rapport tal-ħidma tiegħu sa qabel l-udjenza li jmiss.

**4. Tordna** li l-ispejjeż u drittijiet kollha naxxenti minn dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż kollha tal-istralċ kompriżi l-ispejjeż u d-drittijiet tal-istralċjarju, għandhom jitħallsu mis-soċjeta' rikorrenti.

**Finalment, il-Qorti qed tordna illi mingħajr dewmien ir-Reġistratur tal-Qrati jgħaddi kopja legali ta' din id-deċiżjoni lir-<u>Riċevitur Uffiċjali</u> u lir-<u>Reġistratur tal-Kumpaniji</u>.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |